MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 726/2004

**V. Demajo & Bros**

**vs**

**Future Furniture Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' April 2004 fejn gie mitlub li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf erbgha mija u disgha u erbghin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm1,449.58) rapprezentanti prezz ta' *Drum Sanding Machine* lilha mibjugha u konsenjata mid-ditta attrici u liema ammont jinkludi wkoll l-imghax kummercjali kalkolat sal-1 ta' Frar 2004.
Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 11 ta' Frar 2004 u bl-imghax kummercjali ulterjuri mill-1 ta' Frar

2004 sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni. .

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm s-socjeta konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf erbgha mija u disgha u erbghin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm1,449.58), bl-imghax pagabbli mill-1 ta' Frar 2004 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------